REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/589

tad-9 ta' April 2021

li jemenda għat-320 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjonijiet Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.

(2) Fis-6 ta' April 2021 il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda entrata waħda mil-lista tal-persuni, tal-gruppi u tal-entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Id-Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja,
is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNESS

Id-*data* tal-identifikazzjoni tal-entrata segwenti taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hija emendata kif ġej:

"Abu Bakar Ba'asyir (psewdonimu (a) Abu Bakar Baasyir, (b) Abu Bakar Bashir, (c) Abdus Samad, (d) Abdus Somad). Data tat-twelid: 17.8.1938. Post tat-twelid: Jombang, Java tal-Lvant, l-Indoneżja. Indirizz: Nazzjonalità fl-Indoneżja (fil-ħabs): Indoneżjana."

hija sostitwita b'dan li ġej:

"Abu Bakar Ba'asyir (psewdonimu affidabbli: (a) Abu Bakar Baasyir; (b) Abu Bakar Bashir; (c) Abdus Samad; (d) Abdus Somad). Data tat-twelid: 17.8.1938. Post tat-twelid: Jombang, Java tal-Lvant, l-Indoneżja. Nazzjonalità: Indoneżjana. Indirizz: L-Indoneżja. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 21.4.2006."